Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 55**

**nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 55 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:46pm.

ii. Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

55.1.1 Clayton Gauci fejn fiha informa li ma kienx jista' jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill approva unanimament li din l-apoloġija tiġi aċċettata u għaldaqstant is-Sur Gauci kien irreġistrat bħala Assenti b' Apoloġija.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

55.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

55.2.2 Fis-6:07pm, il-Kunsillier Mario Sammut daħal għal-laqgħa.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien rebaħ premju bħala wieħed mill-aktar kunsilli li jiriċċkla skart per capita u li għalhekk, il-kunsill kien ser jirċievi fondi ta' €3000 li jistgħu jintefqu fuq proġetti ambjentali matul l-2017.

55.3.2 Is-Sindku informa wkoll li kien ġie iffirmat il-ftehim mal-Wasteserv li permezz tiegħu il-Wasteserv ser ikun qed iħallas is-somma ta' €124.71 fil-ġimgħa lill-Kunsill bħala ħlas lura tal-ġabra żejda fil-ġimgħa li l-Kunsill jagħmel minħabba il-ġbir ta skart organiku.

55.3.3 Is-Sindku semma li kienet saaret laqgħa ta' koordinament mal-istakeholders involut f' Festa Frawli, jiġifieri Transport Malta, il-Malta Public Transport, il-Pulizija tad-Distrett tal-Mosta, il-Pulizija tat-Traffiku u l-LESA. Din kienet laqgħa kordjali ħafna u li fiha tfassal l-immanniġjar tat-traffiku għal matul l-attivita'.

55.3.4 Is-Sindku informa li kienet saret tellieqa tar-roti organizzata mill-Malta Mountain Bikes Association fil-Lippija. Din saret nhar id-19 ta' Marzu (festa pubblika).

55.3.5 Is-Sindku semma' li kien sar tournament tal-football Under 11 li matulhom Heritage Malta fetħet is-sit ta' Ħaġrat għal-atleti u ġenituri.

55.3.6 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa tal-Awtorita tal-Ippjanar (31/2016) fejn fiha hu wera' il-bżonn li tinfetaħ Triq il-Konkors Teatrali.

55.3.7 Fis-26 ta' Marzu ġiet imtellgħa l-aħħar laqgħa fis-sensiela b' laqta' Mġarrija. Kien hemm attendenza tajba ħafna matul is-sensiela kollha.

55.3.8 Fis-26 ta' Marzu wkoll, filgħaxija, sar l-ewwel kunċert tal-Banda b' kollaborazzjoni mal-Kunsill. Dan il-programm kien jinkludi marċi funebri b' interventi tas-Sur Ġorġ Peresso, u ttella' fil-knisja parrokkjali.

55.3.9 Matul l-ewwel ġimgħa ta' April, il-bini amministrattiv tal-Kunsill serva bħala ċentru ta' koordinament għall-proġett tal-Ministeru tal-Edukazzjoni 'X' hemm l-Imġarr?' fejn bosta tfal kellhom sezzjonijiet ta' taħriġ u tagħlim dwar l-Imġarr u dak kollu li għandu x' joffri.

55.3.10 Fit-23 ta' Marzu, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika, s-Sur Ramon Deguara, dwar l-indafa fil-Ġnejna speċjalment matul ix-xhur tas-sajf.

55.3.11 Is-Sindku informa li kien sar railing ġdid fil-Ġnejna biex tiżdied is-sigurta'.

55.3.12 Is-Sindku informa wkoll li fil-Ġnejna kien twaħħal miżien mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

**55.4 Korrispondenza**

55.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' korrispondenzi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u entitajiet oħra Governattivi.

55.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti fejn fiha il-Kunsill intalab jindividwalizza siti biex ikun jista jsir studju minħabba l-Asian Tiger Mosquito. il-Kunsill semma is-siti ta' Darrenzi, tal-Ballut, il-mixtla ta' Ġnejna u ħdejn il-ġibjun.

55.4.3 Il-Kunsill iddiskuta kummenti li kien hemm fuq is-sit ta' facebook tal-Kunsill fejn persuni lmentaw li l-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' Sant' Anna fiż-Żebbiegħ qed ikun hemm ipparkjar bl-addoċċ meta jkun hemm xi attivita' fl-iskejjel tal-Imselliet. Is-Sindku informa li kulmeta dan isir, hemm ftehim mal-iskejjel biex ikun hemm gwardjan lokali. Dak in-nhar li kien qed jagħmlu referenza għalih in-nies fil-kummenti ta' facebook ma kien hemm gwardjan, imma s-sindku irrapport lill-pulizija li ġew preżenti fuq il-post u taw ċitazzjonijiet li min kien qed jikser il-liġi.

**55.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

55.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**55.6 Rapporti**

55.6.1 Tressaq rapport mill-Kunsillier Mario Sammut dwar proposta ta' parteċipazzjoni f' Film-food Festival li għandu jsir f' Lagosanto l-Italja bejn il-21 u it-23 ta' Lulju li ġej. Il-Kunsill ġie mistieden li jibgħat 3 delegati għall-dan il-festival. Il-Kunsill approva il-parteċipazzjoni f' din l-attivita'.

**55.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

55.7 Ma kienx hem maktar punti dwar dan l-artikolu.

**55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

55.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 04/2017 li kienet tammonta għall-€22,703.12.

55.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**55.9 Mozzjonijiet**

55.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**55.10 Eżitu ta' Festa Frawli 2017**

55.10.1 Il-Kunsill kollu semma' li kien irċieva kummenti pożittivi u favorevoli dwar l-attivita' ta' din is-sena.

55.10.2 Is-sindku semma' kif it-temp fil-għodu ma tantx kien favorevoli, iżda li tjieb wara nofsinhar u dan ġab miegħu aktar nies.

55.10.3 Il-Kunsill wera' l-apprezzament tiegħu għall-persuni distinti li attendew, fosthom il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

55.10.4 il-Kunsill wera' l-apprezzament lil kull min, b' xi mod jew ieħor, ta' s-sehem tiegħu sabiex din l-edizzjoni ta' Festa Frawli kienet suċċess daqs dawk ta' qabilha.

**55.11 Interventi f' Toroq fl-Imġarr (Triq Papa Piju XII, Konkors Teatrali, Majjistral)**

55.11.1 Is-Sindku semma' li kien hemm bżonn li ssir talba mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex Triq il-Konkors Teatrali tinfetaħ b' mod normali ma' Triq San Pietru.

55.11.2 Fi' Triq Papa Piju XII, minħabba d-dħul ta' Triq Lazzru Pisani, hemm bżonn li ssir talba għall-bdil fil-linji tat-triq.

55.11.3 Transport Malta tilfet kawza f' Triq Sant Anna fiż-Żebbiegħ u minħabba f' hekk hemm il-posibilita' li din it-Triq tidjieq.

55.11.4 Il-Kunsill għandu wkoll jikkonsidra li jagħmel talba sabiex Triq il-Majjistral tingħaqad ma Triq Ġan Mari Camilleri.

**55.12 Ġbir ta' Skart mill-Ġnejna**

55.12.1 Fit-23 ta' Marzu, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Ramon Deguara, Direttur tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika.

55.12.2 Matul din il-laqgħa, ġiet diskussa il-possibilita' li il-ġbir ta' skart mill-bajja tal-Ġnejna jibda' aktar qbel dak stipulat, jiġifieri min-nofs Ġunju. Dan peress li l-bajja qed tkun frekwentata ħafna, speċjalment matul tmiem il-ġimgħa, aktar qabel fl-istaġun.

55.12.3 Is-Sindku informa li kien tkellem mar-rappreżentanti tal-Għaqda tal-Ġnejna biex jinvolvi lis-sidien u biex dawn jikkontribwixxu finanzjarjament għall-din l-inizjattiva.

55.12.4 Id-Direttur lest li jgħin min-naħa tad-Dipartiment tiegħu biex jassigura li jkun hemm aktar indafa fil-bajja.

55.12.5 Hemm il-ħsieb li tissejjaħ laqgħa bejn id-Direttur, il-Kunsill u l-Għaqda biex jiġu diskussi dawn it-temi.

**55.13 Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2016 wara l-Awditjar**

55.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-aġġustament tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2016, li ġew proposti mill-awdituri.

55.13.2 L-aġġustamenti ġew diskussi u finalment ġew maqbula unanimament mill-Kunsill. Għaldaqstant, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirma id-dokumenti li ser jingħataw lill-awdituri.

**54.13 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

54.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:46pm.

54.13.2 Il-Laqgħa li jmiss issejħet għal-Erbgħa 8 ta' Mejju 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***